

Brussell, 12 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10438/26

FIN 862
INST 253
PE-L 18

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	9736/26
Suġġett:	Trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 09/2026 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2026 - <i>Approvazzjoni</i> - <i>Approvazzjoni ta' ittra</i>

1. Fis-26 ta' Mejju 2026, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 09/2026 relatata mal-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni (EGF/2026/000 TA 2026 - Assistenza teknika)¹, f'konformità mal-Artikolu 31(1) tar-Regolament Finanzjarju².

¹ Dokument 9735/26.

² Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>).

2. Kif indikat fid-dokument 9736/26, l-għan ta' din il-proposta huwa li jiġi ttrasferit ammont ta' EUR 210 000 f'approprjazzjonijiet ta' impenn mill-Artikolu 30 04 02 (*Riżerva għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati* (FEG)) u ammont ta' EUR 210 000 f'approprjazzjonijiet ta' pagament mill-Artikolu 16 02 02 (*Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati* (FEG)) għall-Artikolu 16 01 01 (*Nefqa ta' appoġġ għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati*).
3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina l-proposta għal trasferiment fil-laqgħa tiegħu tal-11 ta' Ġunju 2026.
4. Wara dak l-eżami, il-Kumitat tal-Baġit qabel, b'maġġoranza kwalifikata, li jissuġġerixxi li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jagħti parir lill-Kunsill biex japprova:
 - il-proposta għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet, kif tinsab fid-dokument 9136/26; u
 - l-abbozz ta' ittra fl-ANNEX ta' din in-nota.

ABBOZZ TA' ITTRA

minn: Il-President tal-Kunsill

għal: Il-President tal-Kummissjoni

kopja: il-President tal-Parlament Ewropew

Sinjura,

F'konformità mal-Artikolu 31(6) tar-Regolament Finanzjarju tat-23 ta' Settembru 2024¹, qed ninfurmak li l-Kunsill approva t-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 09/2026 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2026.

(Formola tal-għeluq).

¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>).